TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Marco u Grace Cachia

Vs

MRCD Ltd.

CCT 196/20/MM

Illum, 10 ta' Mejju, 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Diċembru 2020 fejn talbu s-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€ 150), rappreżentanti d-depożit, parti minn prezz, ta' *shower tray* li r-rikkorenti ordnaw u ħallsu mal-ordni li huma għamlu mas-soċjeta' intimata.
Ra r-risposta u l-kontro-talba tas-soċjeta' intimata fejn talbet il-bilanċ tal-prezz tal-istess *shower tray* fl-ammont ta' erba' mitt Ewro (€ 400).
Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kienu ordnaw *shower tray custom made* b'qisien speċifiċi mingħand is-soċjeta' intimat. Huma dan għamluh nhar l-20 ta' Lulju 2020 skont l-*invoice* bin-numru 12947280 għal-liema huma ħallsu d-depożitu fl-ammont ta' Euro 150.
Illi mill-provi jirriżulta, senjatament il-korrispondenza permezz ta' posta elettronika ppreżentata mill-partijiet, li din l-ordni kienet lesta fit-18 ta' Settembru 2020, madanakollu minħabba nuqqasijiet tal-vapur tal-merkanzija, li s-soċjeta' tgħid li kienu lil'hinn mill-kontroll tagħha, din l-ordni ma waslitx Malta. Di fatti l-istess korrispondenza tindika li nhar is-17 ta' Ottubru 2022 li dan it-*tray* kellu jasal dakinhar stess fis-*showroom* u d-*delivery* ssir il-ġimgħa ta' wara fir-residenza tar-rikorrenti, effettivament nhar l-20 ta' Ottubru 2022.

Ikkunsidra

Illi l-pern tal-kwistjoni kollha hi jekk ir-rikorrenti kienux ġustifikati li jirrifjutaw il-konsenja tal-ordni tagħhom meta din saret, jew aħjar kienet lest biex issir wara trepass ta' tliet (3) xhur mill-ordni tagħhom.

Illi Bernard Cachia, għas-soċjeta' intimata jenfasizza li minkejja dan it-trespass ta' żmien, ir-rikorrenti kienu avżati b'dan id-dewmien u dan stante li huma kienu avzati li jekk ser jagħmlu l-ordni qabel Awwissu, il-fabbrika tkun magħluqha bis-*shut down* f'Awwissu, u b'hekk l-ammont ta' żmien bejn sitta (6) u tmien (8) ġimgħat kienu fil-parametri taż-żmien allokat u miftiehem bejnhom u r-rikorrenti.

Illi f'dan il-każ b'verżjonijiet tant kuntrastanti jispetta lit-Tribunal jiddeċiedi liema hi l-iktar verżjoni kredibbli tal-partijiet, jekk hux verament li r-rikorrenti kienu avżati li l-ordni kellhom jirċevuha sal-aħħar ta' Settembru 2020 jew inkella kienux avżati li din ser tieħu bejn sitta (6) u tmien (8) ġimgħat li jindew jgħoddu minn wara x-xahar ta' Awwissu.

Illi mix-xhieda mogħtija bil-ġurament ta' Mary Rose Abela għas-soċjeta' intimata kif ukoll mil-ittra ta' Bernard Cachia datata 3 ta' Novembru, 2020 joħroġ biċ-ċar li s-soċjeta' intimata riedet tiġġustifika dan id-dewmien u di fatti ssir referenza għal dewmien min-naħa tal-vapur tal-merkanzija lill'hinn mill-kontroll tagħhom. Ċertament li s-soċjeta' intimata ma kienetx tħoss dan il-bżonn lil kieku din il-konsenja saret għal kollox regolari bħal każijiet oħra. Wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu li dak iż-żmien li fiha allegatament kellha ssir il-konsenja, u ċioe fl-aħħar ta' Settembru 2020, ir-rikorrenti kienu għadhom mingħajr indikazzjoni konkreta ta' meta kienet ser issir effettivament din il-konsenja.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa t-talba tar-rikorrenti, jiċħad il-kontro-talba tal-intimata u għaldaqstant jikkundanna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lura lir-rikorrenti l-ammont ta' Euro 150.

Bl-ispejjeż konta l-intimati.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru